MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 460/2010

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**vs**

**Danrof Vella**
**I.D. 10089(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut huwa debitor tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' mija tmienja u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€778.18), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-number 99122588.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkulz tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija tmienja u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€778.18), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------